**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 18 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 34/2019 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**MG**

**Vs**

**FG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MG, datat 6 ta' Frar 2019, a fol 14 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema l-esponenti qiegħda titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet.*

*Illi skond l-Artikolu 55 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, dina t-talba tista' ssir minn kull parti f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda u l-ordni relattiv għandu jingħata b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

*Illi l-assi prinċipali tal-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti ossija d-dar matrimonjaIi tal-partijiet hija proprjeta' parafernali tal-esponenti.*

*Illi għalkemm il-partijiet jinsabu għaddejjin bi proċeduri ta' separazzjoni personali, ma fadal xejn li għandu jwaqqaf lil dina l-Onorabbli Qorti milli tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-kontendenti f'dan l-istadju.*

*Illi għal kull buon fini jiġi rilevat li l-partijiet ilhom de facto separati u mifrudin*

*minn xulxin aktar minn tlett (3) snin u għalhekk fl-umili opinjoni tal-esponenti l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom huwa essenzjali.*

*Illi ladarba l-kontendenti għaddejjin minn kawża ta' firda personali l-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti spiċċa għal kollox.*

*Illi ħadd mill-partijiet ma huwa ser ibati ebda preġudizzju bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom; kuntrarjament, dejjem jekk tintlaqa' t-talba magħmula mill-esponenti fil-preżenti rikors, il-partijiet mhux ser ikunu aktar esposti għal xi djun li jista' jinħoloq mill-parti l-oħra.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-kontendenti u dana permezz ta' sentenza ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

*(ii) Tordna illi din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ai termini tal-artikolu 55 (5) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u li din l-ordni għandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sar b'att pubbliku ai termini tal-istess artikolu.*

*Salv dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut FG, a fol 20, li taqra hekk:

*Illi l-konvenut jaghmel riferenza ghar-rikors li sar mir-rikorrenti fejn talbet biex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-kontendenti;*

*Illi fir-rikors taghha ir-rikorrenti qalet li hadd mill-partijiet ma huwa ser ibati xi pregudizzju bil-waqfien tal-istess komunjoni tal-akkwisti;*

*Illi ghal kuntrarju, l-pregudizzju huwa car u manifest ghaliex sa issa ghadha ma saritx divizjoni tal-assi skont il-ligi;*

*Essendo li l-komunjoni tal-akkwisti hija parti mit-talbiet attrici originali u ghadhom ma gewx ipprovduti ebda konfermi in sostenn jew kontra ghat-talbiet, din il-Qorti m'ghandhiex tiddeciedi minghajr ma tisma u tiehu konjizzjoni tal-provi kollha producibbli;*

*Din it-talba sempliciment tirrigwarda maniggi sabiex flejjes u krediti tal-komunjoni tal-akkwisti ma jigux ritornati u maqsuma skont id-dettami tal-ligi;*

*Illi ghaldaqstant qeghdin nopponu ghal din it-talba kif maghmula filwaqt li nirriservaw li nipprovdu l-provi relattivi l-prosegwiment tal-kawza anke fuq dan il-mertu.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni mil-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-attrici sabiex jigi ordnat il-waqfien tal-komujoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili. L-attrici argumentat illi l-ass principali tal-komunjoni tal-akkwisti hija d-dar matrimonjali tal-partijiet li hija proprjeta parafernali taghha, u illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal tlett snin u ghalhekk il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa essenzjali, apparti illi l-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti llum-il gurnata spicca ghal kollox, la darba l-partijiet jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali. L-attrici premettiet ukoll illi ebda parti m'hi ser tbati l-pregudizzju kontemplat fl-artikolu 55(4) tal-Kodici Civili kemm il-darba tigi milqugha t-talba taghha, u li anzi jekk tintlaqa' din it-talba il-partijiet mhux ser ikunu aktar esposti ghal xi dejn li jista' jinholoq mill-parti l-ohra.

Minn naha tieghu, l-konvenut oppona ghal din it-talba stante l-ewwel nett ghadhom lanqas biss bdew jingabru l-provi f'din il-kawza u ghalhekk, galadarba il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ghadha ma gietx stabbilit, l-intimat ser ibati pregudizzju sporporzjonat jekk din il-Qorti tawtorizza l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Skont il-konvenut, it-talba tal-attrici hija maniggi sabiex flejjes u krediti tal-komunjoni tal-akkwisti ma jigux ritornati u maqsuma skont id-dettami tal-ligi.

**Ikkonsidrat:**

Skont is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-sub-inciz (4) tal-istess artikolu jipprovdi pero s-segwenti:

> ***"Qabel tordna il-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda".***

Skont s-sub-inciz (6) tal-istess artikolu, meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha tghamlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konklusiva.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 t'Ottubru 2015 intqal illi:

> "***...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici***"

Il-Qorti rat illi r-raguni principali ghalfejn il-konvenut qieghed jopponi ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa ghaliex skont hu hemm xi flus dovuti lilu bhala krediti tal-komunjoni, u jekk il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tigi ordnata , ikun hemm biza li dawn il-

flus ma jigux irritornati lilu, peress illi s-sehem ta' kull parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghadu ma giex iccarat.

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015 gie kkonfermat illi l-oneru tal-prova illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti waqt il-mori tal-proceduri ta' separazzjoni ser jarreka pregudizzju sproporzjonat jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju *probatio incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

Il-Qorti tqis illi f'dawn il-proceduri l-konvenut ma ressaq ebda prova illi huwa ser ibati pregudizzju sproporzjonat jekk tigi milqugha t-talba attrici ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. L-argument tieghu illi t-talba m'ghandhiex tintlaqa' ghaliex hemm cans illi hu ma jiehux flus dovuti lilu bhala krediti ttal-komunjoni tal-akkwisti, hija nsostenibbli: l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisiti ma jaffetwax l-assi u d-djun gja ggenerati mill-partijiet, peress illi ghandu effett futur biss, u mhux ukoll retroattiv. Il-konvenut ma ressaq quddiem din il-Qorti l-ebda prova illi b'xi mod tindika illi hemm ragunijiet partikolari li jiffondaw il-biza allegata minnu, u fl-assenza ta' tali provi, il-Qorti tqis illi t-talba tal-attrici ghandha tigi milqugha. Dan specjalment peress illi bl-ilqugh tat-talba tal-attrici, iz-zewg partijiet ser jigi salvagwardjata minn kwalunwke dejn li jistghu talvolta jassumu fil-mori tal-kawza.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attrici u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-kontendenti ai termini tal-artikolu 55 tal-Kodici Civili, u tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini tal-artikolu 55(5) tal-Kodici Civili.**

**L-ispejjez ta' din is-sentenza in parte huma riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**